MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Mandat Numru. 228/2012/1

**Carmel u Josette (Josephine) konjugi Genovese**
**vs**
**VG Shutter and Concrete Works Limited**

**Il-Qorti**
Rat ir-rikors tal-21 ta’ Frar 2012;

Rat id-digriet taghha tal-21 ta’ Frar 2012 fejn laqghet provvizorjament
it-talba tar-rikorrenti;

Rat li l-intimat gie notifikat u ma rrispondiex u anqas deher fis-seduta tad-29 ta’ Frar 2012;

Rat li r-rikors thall ghad-digriet.

Premess li l-ghan ta’ talba ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat. Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg

hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghal hrug ta' mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

It-talba tar-rikorrenti hi intiza biex izzomm lis-socjeta intimata milli tbiegh, tnehhi, titraferixxi, jew tiddisponi, intervivos b'titolu oneruz jew gratuitu l-fondi imsemmija fir-rikors ghal hrug tal-mandat ta' inibizzjoni u dan peress illi r-rikorrenti qed jallegaw li huma kredituri tas-socjeta intimata fis-somma ta' €31,027.25 skond skrittura privata tat-22 ta' Awwissu 2007, liema somma kellha tithallas fi zmien sena minn dik id-data u baqghet ma thallsitx. Ir-rikorrenti jghidu wkoll li fethu kawza ghal kannizazzjoni tal-kredituri.

Il-Qorti tqis li r-rikorrenti ppruvaw id-dritt prima facie u illi l-hrug ta' dan il-mandat hu necessarju biex jigu preservati d-drittijiet taghhom.

Ghalhekk il-Qorti qed tikkonferma d-digriet provvizjorju taghha u tilqa' t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kontra socjeta intimata kif mitlub mir-rikorrenti.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------